MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Awwissu, 2014

Numru 792/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs.**

**Alfonso Lorente Hevia**
**Adolfo Romero Serrano**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Alfonso Lorente Hevia,** iben Juan Francisco u Macarena neé Hevia, imwieled fit-30 ta′ Awwissu 1990, gewwa Spanja, residenti go 14, Triq il-Ghajn, Swieqi u detentur tal-Karta tal-Identita′ bin-Numru 03922953G

u

**Adolfo Romero Serrano**, iben Adolfo u Maria neé Sagrario, imwieled fit-8 ta' Dicembru 1991, gewwa Spanja, residenti go 14, Triq il-Ghajn, Swieqi u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 03937791F,

**LIL Alfonso Lorente Hevia** wahdu akkuzat talli, nhar it-22 ta' Awwissu 2014 ghal habta tas-sitta u kwart ta' filghodu (06:15am), gewwa Swieqi u/jew fil-vicinanzi:

1. volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioé vettura tal-ghamla Peugeot numru ta` registrazzjoni BBS 465 liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) pero` tiskorri t-tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) ghad dannu ta` Paul Vassallo u/jew persuni ohra (Artikolu 325(1)(c) Kapitolu 9);

2. volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioé vettura tal-ghamla Toyota numru ta` registrazzjoni DBF 095 liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69) pero` tiskorri l-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad dannu ta` Mario Cini u/jew persuni ohra (Artikolu 325 (1)(b) Kapitolu 9);

3. volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioé vettura tal-ghamla Ford numru ta` registrazzjoni LCQ 105 liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) pero` tiskorri l-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad dannu ta` Fiona Anastasi u/jew persuni ohra (Artikolu 325 (1)(b) Kapitolu 9);

4. volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioé vettura tal-ghamla Volkswagen numru ta` registrazzjoni GBE 919 liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69)

pero` tiskorri l-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad dannu ta` Kenneth Zammit u/jew persuni ohra (Artikolu 325 (1)(b) Kapitolu 9);

5. volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioé vettura tal-ghamla Audi numru ta` registrazzjoni BG 3388F liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) pero` tiskorri l-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad dannu ta` persuni mhux maghrufa (Artikolu 325 (1)(b) Kapitolu 9).

**Liz-zewg imputati flimkien talli**:

6. volontarjament, hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioé vettura tal-ghamla Mini Cooper numru ta` registrazzjoni liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) pero` tiskorri l-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad dannu ta` Michelle Sullivan u/jew persuni ohra (Artikolu 325 (1)(b) Kapitolu 9).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "TM 9).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputati jammettu li huma hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat illi, waqt is-seduta tallum, id-difiza ghaddiet is-somma ta' €1301.81 lill-Prosekuzzjoni, liema somma tirraprezenta l-ammonti a saldu li jsiru riferenza ghalihom fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputati, l-ammissjoni bikrija taghhom, il-fatt li l-imputati hallsu l-ammonti li jsiru riferenza ghalihom fl-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u kif ukoll il-fedini penali tal-imputati (Dok. "TM 7" u "TM 8"), li huma kompletament nodfa. *Stante* illi fil-konfront tal-imputat Alfonso Lorente Hevia gew addebitati diversi imputazzjonijiet, b'differenza tal-imputat l-iehor Adolfo Romero Serrano, li fil-konfront tieghu giet addebitata imputazzjoni wahda biss, il-piena fil-konfront taz-zewg imputati ser tkun wahda diversa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 325(1)(b) u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-imputat Alfonso Lorente Hevia u Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-imputat Adolfo Romero Serrano issib lill-imputati Alfonso Lorente Hevia u Adolfo Romero Serrano hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u filwaqt li tikkundanna lill-imputat Alfonso Lorente Hevia ghal perijodu ta' erbatax (14) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlitt (3) snin, tikkundanna lill-imputat Adolfo Romero Serrano ghal perijodu ta' tmien (8) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tlitt (3) snin fir-rigward ta' Alfonso Lorente Havia u fi zmien sena fir-rigward ta' Adolfo Romero Serrano.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------